MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 20/1991/1

**Adrian Agius bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija "Joseph Agius & Sons (Gozo) Limited" u b'nota tal-15 ta' Marzu 2000 Bernardetta sive Benna armla ta' Adrian Agius assumiet l-atti tal-kawza bhala direttrici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Joseph Agius & Sons (Gozo) Limited", minflok id-direttur l-iehor Adrian Agius li miet fil-mori tal-kawza**

**-vs-**

**Publius Grima**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi l-kumpanija attrici kienet tat lill-konvenut grant konsistenti f'bini ta' gabbana ossia kiosk, kundizzjonata illi tiehu u tixtri in-necessitajiet provviggjonamenti u provvisti tieghu kollha f'dak illi jirrigwarda soft drinks, birra u xorb analkoliku u affini ghall-bejgh f'din l-istess kiosk illi huwa ghandu armata fl-Mgarr limiti ta' Ghajnsielem Gozo esklussivament minghand il-kumpanija attrici.

Illi din il-gabbana giet tiswa total ta' sitt elef seba' mija u tmien liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm6708.23) kwantu ghal tlett elef mija u tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm3333.23) prezz ta' materjal uzat u tlett elef tliet mija  u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm3375) xoghol fuq l-istess gabbana;

Illi l-konvenut kiser din il-kundizzjoni tal-grant billi llum huwa qieghed jixtri l-provvisti, u provviggjonamenti u necessitajiet ohra f'dak illi jirrigwarda soft drinks, birra u xorb analkoliku u affini minghand terzi persuni.

Illi ghaldaqstant il-kumpanija attrici ghandha dritt titlob ix-xoljiment tal-grant minnha maghmula lill-konvenut u r-rifuzjoni tas-somma minnha minfuqa fl-istess gabbana.

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara xolt il-kuntratt ossia ftehim illi in forza tieghu l-kumpanija attrici kkonsenjatlu l-gabbana ossia kiosk.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' sitt elef seba' mija u tmien liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm6708.23) valur ta' din l-istess gabbana.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Mejju 1991, u tat-8 ta' Frar 1991 kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa msejjah.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu akkluza l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi l-konvenut qieghed jikkontesta l-ftehim li l-attur jallega li kien hemm mieghu billi m'hu veru xejn li kien hemm il-grant bil-kundizzjonijiet indikati minnu;

2. illi l-azzjoni ntentata mill-attur hija skorretta u nulla ghaliex l-azzjoni korretta kellha tkun wahda bbazata fuq l-arrekkiment indebitu;

3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut isostni li kwalunkwe kumpens li jista' jkun dovut, ghandu jkun ibbazat fuq l-arrekkiment da parti ta' l-attur u mhux l-ispejjez allegatament sborsati mill-attur.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, l-ispejjez allegati mill-attur m'humiex veritjieri.

5. Illi inoltre, il-konvenut qieghed jikkontesta l-kwalita' tax-xoghlijiet maghmula mill-kumpanija attrici u sahansitra uhud minnhom kellhom isiru mill-gdid mill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda.

Rat folio 122 id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta li bih gie nnominat Joseph Zammit "jaghmel stima tal-gabbana meta giet ikkonsenjata lill-konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat, folio 282, et seq minfejn jirrizulta li sema' wkoll xi xhieda in adempiment tal-inkarigu;

Ezaminat ix-xhiedha, kemm dawk li semghet il-Qorti diversament preseduta u dawk mismugha quddiem il-perit tekniku;

Rat folio 149 in-nota tal-assunzjoni tal-atti stante l-mewt tal-attur nomine fil-mori;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet prezentata mill-kontendenti rispettivament.

Ikkunsidrat:

Fil-kawza in dizamina s-socjeta’ attrici qeghdha tiddomanda minghand il-konvenut rifuzjoni tal-ammont ta’ sitt elef sebgha mija tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm6708.25) allegatament sborsati minnha a vantagg tal-konvenut ghal xoghol u spejjez prestati fuq gabbana/kiosk proprjeta’ tal-istess konvenut. Jinghad ghall-ahjar intendiment tal-meritu in kwistjoni illi s-socjeta’ attrici hija l-agent f’Ghawdex ta’ Simmonds Farsons Cisk Ltd u l-konvenut huwa negozjant li jopera mill-imsemmija gabbana/kiosk fil-port ta’ l-Imgarr, Ghawdex. Il-pretensjoni tar-rimbors rikjest mis-socjeta’ attrici jiskaturixxi min-negozju kontrattwali fejn hi kienet intrabtet li tibni l-gabbana/kiosk ghall-konvenut li da parti tieghu kellu jipprovdih bi provviggjonamenti mixtrija esklussivament mis-socjeta’ attrici. Dan ma jidhirx li hu in diskussjoni. L-istess konvenut jghid fl-affidavit tieghu (dok. PGI - folio 59) li originarjament kien jopera minn truck addebit bhala ‘kiosk’ pero’ xtaq ikabbar u ddecieda li jibni gabbana. Kien inizjalment inghata ‘grant’ mill-General Soft Drinks Limited sa massimu ta’ Lm10,000 biex tinbena l-gabbana li kienet tkun proprjeta’ esklussiva tas-socjeta’ General Soft Drinks u bil-kundizzjoni li l-konvenut ibiegh biss prodotti ta’ din is-socjeta’. L-agent tas-socjeta’ attrici mill-banda l-ohra kien dispost li jhalsu l-ispejjez kollha ghall-bini tal-gabbana, oltre li kull sena jigi provdut b’xejn mitejn kaxxa ‘soft drinks’, u jahdem mill-gabbana xoghol biss tas-socjeta’ attrici. F’din it-tieni ipotesi l-gabbana kellha tibqa’ proprjeta’ tieghu. Il-konvenut ikkonferma li kien accetta l-proposta tas-socjeta’ attrici, xtara l-karru biex tinbena l-gabbana, u beda x-xoghol fuqha.

Illi ghall-fini tal-meritu tal-kawza hija rrilevanti l-posizzjoni li ha l-konvenut filli x-xoghol kien beda minghajr l-approvazzjoni tieghu; ukoll jekk ippressax biex il-ftehim jigi stilat bil-miktub kif minnu rikjest. Dak li invece hu rilevanti hu li x-xoghol beda u f'dan ippartecipa kemm hu u kemm haddiema sekondati mis-socjeta' attrici.

Issa l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, u senjatament fl-ewwel eccezzjoni, ikkontesta li kien hemm xi ftehim. Ighid illi "m'hu veru xejn li kien hemm il-"grant" bil-kundizzjonijiet indikati" mis-socjeta' attrici. Hu palesi, fid-dawl tal-affidavit tieghu, li din l-eccezzjoni ma treggix anzi jirrizulta li kien hemm ftehim fuq it-termini minnu indikati fl-istess affidavit kif fuq riportati. Dan l-aspett huwa ukoll utili u ferm importanti fil-konsiderazzjoni taz-zewg eccezzjonijiet li jsegwu fejn l-konvenut qieghed itenni fuq in-nullita tal-proceduri billi l-azzjoni, jghid, kellha tkun dik tal-arrikkiment indebitu f'kull kaz ibbazata fuq l-arrikkiment da parti tal-attur u mhux l-ispejjez allegatament sborsati mill-istess socjeta' attrici. Hawnhekk, il-Qorti mhux qeghdha taqbel mar-ragunament tal-konvenut principalment ghaliex huwa assodat fil-gurisprudenza li l-azzjoni 'de in rem verso' hija esperibbli biss "in subsidium". Hija esperibbli meta ma jkunx hemm favur il-kreditur rimedji kontrattwali jew kwazi-kontrattwali. Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili riportata fil-*Vol.XXXIX.ii.787* inghad li l-kreditur irid l-ewwel jezawrixxi d-drittijiet tieghu derivanti mill-kuntratt jew kwazi-kuntratt u jekk jirrizulta li jkun esperihom inutilment, allura jkun il-kaz li wiehed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok ghall-azzjoni "de in rem verso". Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunx gew ezawriti mill-kreditur ghas-sodisfazjon tal-Qorti, l-azzjoni utili ssir intempestiva. Fil-kawza riportata *Vol.XXXIX.ii.764* dan il-principju generali tkompla gie esponut billi l-Qorti qalet li wiehed mill-modi kif jista' jsir dan l-arrikkiment, u allura jaghti lok ghall-kawza 'de in rem verso", huwa dak li jitnissel min-negozju guridiku ntervenut bejn id-danneggjat u l-arrikit, li skond il-ligi (a) jew huwa null, u li minnu kwindi ma titwelidx azzjoni, (b) jew gie risolut, (c) jew jonqos fih il-kawza. Fil-kaz in disamina pero' d-differenza li tiddistingwi dan il-kaz minn dawk citati hu li hawnhekk

kien hemm ftehim, li l-kontendenti jirrikonoxxu, u kwindi l-azzjoni attrici kif sostnuta hi bazata fuq vinkolu 'ex contractu' u hija ghlhekk validament proponibbli.

Inghad dan, ghalhekk, huma l-ahhar zewg eccezzjonijiet tal-konvenut fuq l-iskorta tat-talbiet tas-socjeta' attrici li jridu jigu ezaminati. Hawnhekk, il-konvenut jghid li l-ispejjez allegati mis-socjeta' attrici m'humiex veritjeri u inoltre li l-konvenut qieghed jikkontesta l-kwalita' tax-xoghlijiet maghmula mill-kumpanija attrici li sahansitra whud minnhom kellhom isiru mill-gdid mill-konvenut. Fil-kuntest ta' dawn l-eccezzjonijiet din il-Qorti taghmilha cara li huwa l-attur li ghandhu l-oneru tal-prova u huma l-ispejjez minnu minfuqa li ghandhom, jekk hekk jirrizulta, jigu rimborsati. Jekk il-konvenut inkorra xi spejjez sabiex jitrangaw xi difetti fix-xoghol tas-socjeta' attrici dawn ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni ta' dak talvolta dovut lill-attur nomine. Hawnhekk pero' l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-konvenut.

Trattat issa l-meritu proprju tal-kawza a bazi tal-kriterji hawn fuq stabbiliti u ezaminati bir-reqqa x-xhieda u r-relazzjoni tal-espert taghha l-Qorti hi tal-fehma illi fil-waqt li fuq naha wahda hu ndubitat li l-ftehim bejn il-kontendenti sfaxxa tant li l-konvenut irriverta jixtri minghand il-General Soft Drinks, pero' tant iehor huwa ndubitat, fuq in-naha l-ohra, li s-socjeta' attrici esegwit xoghol u kkontribwit mano d'opera fil-bini tal-gabbana. Il-perit tekniku jghid dwar l-imsemmija gabbana li sabha f'kundizzjoni tajba u operanti u li wara li vverifika l-materjal uzat ikkonkluda li l-figura reklamata mill-attur bazata fuq il-pagamenti li ghamel l-istess attur ta' tlett elef tliet mija sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm3397.92) (verifikati mill-istess perit tekniku) kellu mill-verosimili. Zied pero' li kellhom jitnaqqsu minn dan l-ammont dawk il-partiti riportati a folio 313 li l-Qorti, wkoll fuq esercizzju ta' "arbitrio boni viri", qeghdha tivvaluta fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600). Apparti dan it tnaqqis hi wkoll tal-fehma li ghandha wkoll titnaqqas somma ta' erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm94.33) relattivament r-ricevuti markati rispettivament AA16, AA19, AA20 u AA27 li verament, kif sottomess mill-

konvenut, ma jaghtu ebda indikazzjoni ta' pagament effettwat, u wkoll, 'arbitrio boni viri', qeghdha tnaqqas ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) in kumpens tad-difetti fis-sistema tad-dawl. Qeghdha pero' izzid l-ammont ta' mitjen u ghoxrin lira Maltin (Lm220) pagabbli lil certu Karist Zammit a bazi tax-xhieda ta' dan folio 287. Mill-bqija l-Qorti jidrilha li ghandha tadotta l-konkluzjoni tal-perit tekniku taghha dwar li l-ispiza tal-haddiema tas-socjeta' attrici dettaljati minnha biex jahdmu fuq il-gabbana ghandha tigi bbazata fuq tnejn min-nies 'full-time' ghal xahrejn b'paga ta' erbgha u erbghin lira Maltin (Lm44) fil-gimgha ghal total ta' seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm792) inkluz fiha xi giri li seta' sar ghax-xiri ta' xi materjal.

Illi, nghad dan, l-ammont li l-konvenut hu dovut li jhallas huwa ta' tlett elef erba' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm3466).

Illi rigward l-imghax wara li rat l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili, u ezaminat dak li kellhom xi jghidu l-kontendenti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, qeghdha tiffissa li l-imghax jibda jiddekorri mid-data ta' din s-sentenza sal-effettiv pagament.

Taqta' u tiddeciedi ghalhekk li fil-waqt li tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u ghall-fini tat-tieni talba tillikwida l-ammont dovut lilha mill-konvenut fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm3466), tikkundannah li jhallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici bl-imghax dekoribbli mil-lum sal-effettiv pagament wkoll bl-ispejjez tal-kawza a karigu tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------